MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 438/2003

**Avviz numru 438/2003DM**

**Hal Mann Limited**

**Vs**

**Anthony Baldacchino numru tal-karta ta’ l-identita 901851(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn mija tlieta u disghin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm2,193.37), bilanc minn somma akbar, rapprezentati l-valur ta’ madum tac-ceramika u sanitry ware and accessories mibjugha u konsenjati lill-konvenut mis-socjeta attrici fuq inkarigu ta’ l-istess konvenut ai termini ta’ ftehim datat l-1 ta’ Frar 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-avviz, u l-imghax legali dekorribbli skond il-Ligi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat msejjah tlett darbiet ma dehrx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll in-nota tas-socjeta attrici li permezz taghha rriduciet it-talba ghas-somma ta' mija tlieta u disghin Liri Maltin u seba' u tletin centezmu (Lm193.37) stante pagament akkont.

Qedgha tilqa t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz is-somma bilancjali ta' (Lm193.37) mija tlieta u disghin Lira Maltin u sebgha u tletin centezmi bl-imghaxijiet legali b'effett mill-5 ta' Settembru 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------